



Brussell, 24 ta' Settembru 2019
(OR. en)

12468/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0168(NLE)

SCH-EVAL 157
DATAPROTECT 216
COMIX 427

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	20 ta' Settembru 2019
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 11904/19	
Suġġett:	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Litwanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Litwanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data, adottata mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Settembru 2019.

F'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013, din ir-Rakkomandazzjoni ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-Parlamenti nazzjonali.

RAKKOMANDAZZJONI

biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2018 tal-Litwanja dwar l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-fini ta' din id-Deċiżjoni hija li tirrakkomanda azzjonijiet korrettivi lil Litwanja biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati waqt l-evalwazzjoni ta' Schengen fil-qasam tal-protezzjoni tad-data mwettqa fl-2018. Wara l-evalwazzjoni, rapport li jkopri s-sejbiet u l-valutazzjonijiet, li jelenka l-aħjar prattiki u n-nuqqasijiet identifikati waqt l-evalwazzjoni ġie adottat permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2019)5700.

¹ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

- (2) Peress li fost il-prattiki tajbin jiġi meqjus, fost l-oħrajn, il-fatt li l-Awtorità għall-Protezzjoni tad-Data (DPA) tipprovdi pariri u gwida lill-individwi li j avviċinawhom minflok sempliċiment tressaq it-talbiet tagħhom; il-forniment ta' ittri mudell għall-eżerċitar tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS, Visa Information System) relatati mad-drittijiet tas-suġġetti tad-data; il-miżuri ta' sigurtà implimentati fil-bini tad-dipartiment tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni taħt il-Ministeru għall-Intern (MoI) (IITCD -li jospita N.VIS u N.SIS) huma b'mod ġenerali ta' standard għoli, u jipprovdu ambjent sigur għall-ħżin tad-data u għall-prevenzjoni ta' inċidenti possibbli; it-taħriġ għall-utenti finali tal-VIS, b'mod partikolari għall-persunal konsulari qabel ma jintbagħat fl-ambaxxati / fil-konsulati huwa żviluppat tajjeb; hemm impenn għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-persunal b'mod partikolari taħriġ żviluppat tajjeb inkluż dwar il-protezzjoni tad-data għall-utenti finali tal-N.SIS u l-persunal tal-Uffiċċju SIRENE; l-informazzjoni pprovduta mid-DPA fuq is-sit web tagħha fir-rigward tas-SIS II u l-VIS hija komprensiva, utli ħafna u f'lingwaġġ faċilment aċċessibbli (disponibbli f'diversi lingwi); il-fuljetti tad-data tad-DPA dwar "*Il-Protezzjoni tad-Data Personali fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen*" u "*Il-Protezzjoni tad-Data Personali fis-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża*" jipprovdu informazzjoni tajba u aċċessibbli ħafna dwar l-ipproċessar tad-data fiż-żewġ bażijiet tad-data u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data relatati kif ukoll l-involviment qawwi tad-DPA f'ħafna konferenzi, taħriġ u avvenimenti oħra ta' sensibilizzazzjoni inkluż għall-persunal li għandu x'jaqsam mas-SIS II u l-ipproċessar tad-data tal-VIS.
- (3) Fid-dawl tal-importanza tal-konformità mal-acquis ta' Schengen dwar il-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari biex tiġi żgurata l-indipendenza sħiħa tad-DPA, jenħtieġ li tingħata prijorità għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjoni 1.
- (4) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tintbagħat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti tal-Istati Membri. Jenħtieġ li, fi żmien tliet xhur mill-adozzjoni tagħha, il-Litwanja, f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, tistabbilixxi pjan ta' azzjoni li jelenka r-rakkomandazzjonijiet kollha biex jiġi rimedjat kull nuqqas identifikat fir-rapport ta' evalwazzjoni u tipprovdi dak il-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill,

JIRRAKKOMANDA:

li jenħtieġ li l-Litwanja

Awtorità superviżorja tal-protezzjoni tad-data

1. sabiex tiġi żgurata aħjar l-indipendenza sħiħa tal-Ispettorat tal-Protezzjoni tad-Data tal-Istat (minn hawn 'il quddiem id-DPA) tabolixxi r-rekwiżiti biex jiġi approvat il-pjan ta' azzjoni strateġiku tad-DPA mill-Ministru għall-Ġustizzja u biex jiġi kkonsultat il-Ministru għall-Ġustizzja dwar il-pjan ta' azzjoni annwali qabel ma d-Direttur tad-DPA jkun jista' japprovah; dan huwa importanti wkoll biex jiġi żgurat li l-proċedura baġitarja ma jkollha l-ebda element ta' riskju ta' ksur tal-indipendenza tad-DPA;
2. sabiex tiġi żgurata aħjar l-indipendenza sħiħa tad-DPA, torganizza laqgħat bilaterali fuq bażi regolari bejn il-Ministru għall-Ġustizzja u d-Direttur tad-DPA b'tali mod li dan ma jistax jirriżulta f'riskju ta' influwenza diretta jew indiretta tal-Gvern fuq id-DPA, li jista' jipperikola l-indipendenza tad-DPA;
3. tabolixxi dawk l-elementi kollha tar-responsabbiltà tad-Direttur tad-DPA lill-Gvern u lill-Ministru għall-Ġustizzja li jistgħu jirriżultaw f'riskju ta' influwenza diretta jew indiretta mill-Gvern u mill-Ministru għall-Ġustizzja u li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tad-DPA;
4. tiżgura li d-DPA tissorvelja l-legalità tal-ipproċessar tad-data personali tas-SIS II b'mod aktar frekwenti;
5. tiżgura li, minn tal-anqas kull erba' snin, jitwettqu awditi tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data fl-N.SIS mid-DPA;

6. tiżgura li d-DPA tissorvelja l-legalità tal-ipproċessar tad-data personali tal-VIS. Jenħtieġ li d-DPA tispezzjona wkoll l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data u s-sigurtà tad-data tal-Fornituri Esterni tas-Servizzi (ESP, External Service Providers) meta tkun qed tispezzjona l-ambaxxati; jenħtieġ li din il-possibbiltà tiġi speċifikata fil-kuntratt bejn il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin (MFA) u l-ESP;
7. tiżgura li, minn tal-anqas kull erba' snin, jitwettqu awditi tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar tad-data fl-N.VIS mid-DPA;

Drittijiet tas-Suġġetti tad-Data

8. tiżgura li l-iskadenza ta' 60 jum biex jitwieġbu talbiet għal suġġetti tad-data tas-SIS II prevista fl-Artikolu 41(6) tar-Regolament SIS II u l-Artikolu 58(6) tad-Deċiżjoni SIS II tiġi rispettata sakemm l-acquis il-ġdid dwar is-SIS² isir applikabbli b'mod sħiħ (mhux aktar tard mit-28 ta' Diċembru 2021) fejn ikun hemm kontro referenzi għall-iskadenza biex jitwieġbu it-talbiet għal suġġetti tad-data previsti fir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (GDPR)³ (30 jum bil-possibbiltà li tiġi estiża b'xahrejn oħra meta jkun meħtieġ);
9. tiċċara l-proċeduri interni dwar ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet involuti biex jittrattaw id-drittijiet tas-suġġetti tad-data tas-SIS II; b'dan il-mod il-persunal jista' jkun konxju minn min jirreferilu t-talbiet;

² Regolament (UE) 2018/1862 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija u l-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, li jemenda u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI, u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1986/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/261/UE, ĠU L 312 tas-7.12.2018, p. 56 (ara b'mod partikolari l-Artikoli 66-71); Regolament (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2018 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) fil-qasam tal-kontrolli fil-fruntieri, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen, u li jemenda u jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006, ĠU L 312, 7.12.2018, p. 14 (ara b'mod partikolari l-Artikoli 51-57)

³ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ĠU L 119 tal-4.5.2016, p. 1)

10. tiżgura li l-MoI jkun konsistenti fi kwalunkwe rispons finali lill-individwi li jixtiequ jeżerċitaw id-drittijiet tas-suġġetti tad-data tas-SIS II tagħhom, sabiex tingħata informazzjoni dwar id-dritt tagħhom li jappellaw quddiem id-DPA kif ukoll id-dritt li jfittxu rimedju ġudizzjarju fil-qrati;
11. tiċċara l-proċeduri interni dwar ir-responsabbiltà tal-awtoritajiet involuti biex jittrattaw mad-drittijiet tas-suġġetti tad-data tal-VIS; b'dan il-mod il-persunal jista' jkun konxju minn min jirreferilu t-talbiet;
12. tiżgura li l-MoI jkun konsistenti fi kwalunkwe rispons finali lill-individwi li jixtiequ jeżerċitaw id-drittijiet tas-suġġetti tad-data tal-VIS tagħhom, sabiex tingħata informazzjoni dwar id-dritt tagħhom li jappellaw quddiem id-DPA kif ukoll id-dritt li jfittxu rimedju ġudizzjarju fil-qrati;

Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża

13. tiegħu l-passi meħtieġa biex tiżgura li l-kuntratti bejn l-MFA u l-ESP jirregolaw b'liema mod id-DPA Litwana tista' tiġi involuta fl-ispezzjonijiet imwettqa mill-ambaxxati / konsulati u mill-MFA;
14. ittejjeb l-awto monitoraġġ billi tikkontrolla b'mod pro attiv il-logs fuq bażi regolari sabiex tissorvelja l-legalità tal-ipproċessar tad-data personali tal-VIS. Barra minn hekk, jenħteġ li l-MoI jiżviluppa aktar is-sistema SIEM għall-kontroll tal-log awtomatiku;
15. tiżgura li d-DPO tal-MFA ikun aktar involut b'mod qawwi fl-iżvilupp u l-forniment ta' taħriġ dwar il-protezzjoni tad-data għall-persunal tal-MFA inkluż dak stazzjonat fl-ambaxxati / fil-konsulati;

Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni

16. tneħħi l-possibbiltà ta' utent aħħari biex jilloggja permezz tal-Browser POLIS fl-N.SIS b'diversi apparati fl-istess ħin;
17. tiżgura li jiġu introdotti kards intelliġenti għal aċċess għal stazzjonijiet tax-xogħol tal-utenti tal-N.SIS fil-pulizija sabiex jittejjbu l-livell u l-istandard tas-sigurtà;

18. tiżgura li l-miżuri tekniċi fis-seħħ biex jipprevjenu l-użu ta' stiekek USB fil-postijiet tax-xogħol tal-Uffiċċju SIRENE jkunu applikati bis-siġħ u kkontrollati perijodikament;
19. ittejjeb l-awto monitoraġġ billi tikkontrolla b'mod proattiv il-logs mill-utenti tas-SIS II tal-awtoritajiet ikkonċernati kollha fuq bażi regolari sabiex tissorvelja l-legalità tal-ipproċessar tad-data personali tas-SIS II; Jenħtieġ li l-MoI jiżviluppa aktar is-sistema SIEM għall-kontroll tal-log awtomatiku;
20. tiżgura li jkun hemm għarfien aħjar tal-persunal dwar il-protezzjoni tad-data fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tas-SIS II u tal-VIS permezz ta' sessjonijiet ta' taħriġ ta' aġġornament regolari;
21. tiżgura li t-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni tal-persunal li jkollu aċċess għall-N.SIS ikun qasam li l-grupp ta' DPO fl-MoI jkunu kontinwi. B'dan tista' tiżgura li jkun hemm struttura u ppjanar kontinwi għall-iżvilupp tal-persunal.

Sensibilizzazzjoni tal-pubbliku

22. tiżgura li l-ħoloq fuq is-siti web tad-DPA dwar is-SIS II u l-VIS jiġu aġġornati fuq bażi regolari;
23. tiżgura li s-siti web ta' organizzazzjoni li għandhom kuntatti ma' ċittadini ta' pajjiżi oħra bħall-MoI, il-Pulizija, is-Servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat, l-MFA u l-uffiċċji konsulari jipprovdu informazzjoni aċċessibbli u ċara dwar is-SIS II u l-VIS u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data relatati bl-Ingliż ukoll;
24. tiżgura li meta s-siti web jipprovdu informazzjoni dwar is-SIS II u l-VIS u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data relatati bl-Ingliż, li jkun aktar faċli li tinstab din l-informazzjoni;
25. tara li jkun hemm konsistenza fl-informazzjoni dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data fir-rigward tal-N.SIS II u l-VIS li tkun ipprovduta fuq is-siti web tal-istituzzjonijiet li jaħdmu b'dawn is-sistemi;

26. iżżid informazzjoni dwar l-ipproċessar tad-data u dwar id-drittijiet tas-suġġetti tad-data relatati mal-VIS fil-portal tal-EPM li permezz tiegħu l-individwi jipprovdu dettalji għall-applikazzjonijiet tal-viża.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President